MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 232/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Bezzina talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Marzu 1997:

(i)(a) b'xi mod li kien **xjentement ghen jew assista** lil Christopher Spiteri, l-awtur tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, billi ta l-ammont ta' Lm140 lil Spiteri sabiex dan jixtri d-droga eroina meta kien jaf illi l-flus kienu sejrin jigu wzati ghal xiri ta' droga;

(i)(b) ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanza, assocja ruhu ma’ xi persuni jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicini f’dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-igijiet ta’ Malta jew ippromovew, ikkostitwew u organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

(ii) ukoll tall fl-istess zmien u cirkostanzi, attenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-ligijiet ta’ Malta, u cioe` li ttraffika ammont ta’ droga eroina jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dan ir-reat;

(iii) Ukoll talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati 14/02/90 Awla C, fis-27/10/92 Awla B u mill-Qorti tal-Appell datati 24/01/85 u 3/10/91;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Francis Bezzina hati ta' l-imputazzjonijiet (i)(b) u (ii) u minnhom illiberatu izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet (i)(a) u (iii) u kkundannatu ghal sena (1) prigunerija u mitejn liri Maltin (Lm200) multa u ordnat il-konfiska tal-karozza minnufih u, fin-nuqqas, ihallas elfejn liri Maltin (Lm2000) lill-Gvern ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Francis Bezzina pprezentat fit-8 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati ta' l-imputazzjonijiet (i)(b) u (ii) dedotti kontra tieghu, tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet (i)(a) u (iii) dedotti kontra tieghu u tikkonfermaha fil-parti tal-piena u thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn giet ordnata l-konfiska tal-vettura esebita;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa limitat ghal dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha giet ordnata l-konfiska tal-karrozza Fiat Regatta D-1340.

L-appellant jghid li huwa minnu li l-artikolu 23 tal-Kap. 9 jistipula li anke jekk ma jigix espressament mitlub fl-akkuzi li jkun hemm konfiska, xorta wahda l-Qorti jkollha diskrezzjoni tordna konfiska ta’ oggetti jekk tkun konvinta li r-reat sar bl-oggett in kwistjoni. Skond l-appellant, li jrid ikun hemm huwa li l-oggett esibit, f’dan il-kaz il-karrozza, kien strument necessarju sabiex isehh ir-reat in kwistjoni. Il-karrozza ma kinitx l-istrument li permezz tieghu f’dan il-kaz inxtrat id-droga – min irid id-droga mhux karrozza jrid li jkollu izda flus biex ihallas, u l-oggett l-aktar mehtieg sabiex ir-reat in dizamina jsehh kien ic-cekk ta’ Lm140. Jghid ukoll l-appellant li lanqas il-prosekutur ma talab il-konfiska tal-karrozza u dak li nsista fuqha kienet il-piena ta’ prigunerija, u cioe` li l-appellant ma kellux jehel anqas minn Christopher Spiteri.

Issa, is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 23 tal-Kap. 9 jiddisponi hekk:

**“Il-konfiska tal-*corpus delicti*, <u>ta’ l-istrumenti li servew</u> jew li kien mahsub li jservu <u>sabiex isir id-delitt</u>, u ta’ kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti”** (sottolinear tal-Qorti).

Certament, sabiex il-Qorti tordna l-konfiska ta’ l-oggetti indikati fl-imsemmi subartikolu, m’hemmx il-htiega li ssir talba *ad hoc* mill-prosekuzzjoni. Fil-kaz in ezami, il-karrozza trid tirrizulta li kienet strument li serva sabiex isir id-delitt li dwaru l-appellant instab hati skond l-imputazzjoni bin-numru (i)(a).

L-appellant instab hati specifikatament ta’ komplicita` skond l-artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali “billi ta l-ammont

ta’ Lm140 lil [Christopher] Spiteri sabiex dan jixtri d-droga eroina meta kien jaf illi l-flus kienu sejrin jigu wzati ghal xiri ta’ droga”. Ghalhekk, u anke peress illi mill-provi jidher li l-uzu tal-karrozza kienet purament xi haga incidentali, ma jistax jinghad li l-karrozza in kwistjoni serviet bhala strument sabiex isir l-imsemmi delitt.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tirrevokaha in kwantu ordnat il-konfiska tal-karrozza Fiat Regata numru D-1340 u li fin-nuqqas l-appellant ihallas is-somma ta’ Lm2,000 lill-Gvern ta’ Malta, tikkonfermaha fil-kumplament, b’dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------